MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2008

Numru. 657/2002

Il-Pulizija
(Spettur Carmelo Magri)

-vs-

Omissis
Vincent Cucciardi

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra ***Omisis*** u Vincent Cucciardi ta’ 49 sena iben Vincent u Stella xebba Azzopardi, iwieled l- Isla fid- 19 ta’ Marzu, 1959 u residenti 65, Flat 1, Triq iz-Zewg Mini, l- Isla. Detentur tal- karta ta’ l- identita bin-numru 212559M.

Talli fil-Belt Valletta nhar l-1 ta’ Awissu, 2002 ghal-habta tas-1.30p.m., bil-hsieb li jaghmel delitt wera dan il-hsieb b’

atti esterni u ta bidu ghal esekuzzjoni tad-delitt u cioe' biex jisraq somma ta' flus kontanti liema somma teccedi l-Lm100.00 izda anqas minn Lm1,000.00 ghad-dannu ta' Rose Bonello mill-ispizjerija British Dispensary, liema serq li kieku sehh kien ikun kkwalifikat bil-mezz, u l-valur.

L-akkuza kontra **Vincent Cucciardi** talli f'l-istess data hin lok u cirkostanzi, xjentement ghen jew assista liil-awtur *omissis* fid-delitt hawn fuq imsemmi f'l-atti li bihom id-delitt ikun gie preparat jew ikkunsmat jew bhala persuna li tkun xewxet lill haddiehor inkella sahhet il-volonta ta'l-imemmi *omissis* sa biex jaghmel id-delitt hawn fuq citat jew weghdet li wara l-fatt tassistih, tieqaf mieghu jew tikkompensah.

Akkuzati ukoll li huma ricedivi b'diversi sentenzi liema sentenzi huma definittivi u li ma jistghux jigu mhassra.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellhux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li f'l-udjenza mizmuma fit-23 ta' Gunju 2008 l-imputat Vincent Cucciardi ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti tghatu zmien biex jikkonsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat l-atti processwali inkluz il-fedina penali aggornata ta'l-imputat.

Rat l-artikoli 41(1)(a)(e), 42(d), 49, 50, 261(b)(c), 263, u 267 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghat it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena il-Qorti tosserva li, kif jirrizulta mill-fedina penali ta' l-imputat huwa instab hati ta' diversi reati, inkluz

serq u attentat ta' serq, kommessi fuq medda ta' snin. Ghal dawn ir-reati huwa gie kkundannat ghal xi perjodu ta' prigunerija oltre li nghata sentenzi sospiza u anke tpogga taht ordni ta' *probation*. Dan pero ma tantx jidher li serva wisq ta' deterrent ghall-imputat.

Illi l-Qorti tosserva ukoll li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu pero' dan ghamlu snin wara li bdew dawn il-proceduri.

Ghal dawn il-motivi, fuq ammissjoni, u wara li rat l-artikoli 41(1)(a), 42(d)(e), 49, 50, 261(b)(c), 263, u 267 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal-piena ta' prigunerija ghall-perjodu ta' tmien (8) xhur. Il-Qorti tigbed l-attenzjoni tad-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin ghac-certifikat mediku Dok DC3 (esebiet mid-difieza) u tirrikmanda li jittiehdu l-prekawzjonijiet kollha necessarji fic-cirkostanzi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------